# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 68**

**Rikors numru 578/08/1 JZM**

**S & D Yachts Limited (C-3476)**

**v.**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell ewlieni tal-Bank konvenut 'HSBC Bank Malta plc', kif ukoll appell inċidentali mressaq mill-kumpanija attriċi 'S & D Yachts Limited', minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Novembru, 2016, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, warrbet l-ewwel eċċezzjoni tal-Bank konvenut li fiha qajjem l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tar-rikors

maħluf li bih inbdew dawn il-proċeduri, u filwaqt li laqgħet limitament l-ewwel talba billi sabet li l-Bank intimat għandu jinżamm responsabbli għad-danni mġarrba mill-attriċi minħabba ksur ta' obbligi kuntrattwali, u dan sal-grad ta' ħamsin fil-mija (50%), laqgħet ukoll it-tieni u t-tielet talbiet tal-kumpanija attriċi u dan billi kkundannat u ordnat lill-Bank intimat sabiex iħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' erbgħa u tletin elf, seba' mija tmienja u sittin ewro (€34,768) bħala danni kuntrattwali. Dik il-Qorti ordnat ukoll li l-partijiet jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża f'sehem indaqs bejniethom;

2. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi, fost oħrajn, għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"**III. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>***

*Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-bank konvenut jeccepixxi l-irritwalità u n-nullità tar-rikors promotur billi jghid illi fih konfuzjoni ta` kawzi. In sostenn tal-eccezzjoni, il-bank konvenut jirreferi ghall-paragrafu 7 tar-rikors promotur fejn jinghad li d-danni reklamati huma danni kontrattwali ta' bejn bank u klijent, mentri fil-paragrafu 8 jinghad illi d-danni reklamati huma danni delittwali. Ghalhekk l-eccipjent jinvoka t-thaddim tal-principju : selecta una via non datur recursus ad alteram.*

*Tajjeb jinghad illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjetà attrici ghamlet enfasi fuq il-pretensjoni li fil-fehma taghha dak kien kaz car ta' negligenza; issa kenitx dik in-negligenza tammonta ghal ksur ex contractu inkella ex delicto hija materja li trid tirrizulta mill-provi.*

*Il-Qorti qieset il-premessi tar-rikors promotur.*

*Tghid li mhux eskluz ex lege li tista' tkun promossa azzjoni mista fis-sens illi fl-istess azzjoni, isiru talbiet ghal allegati danni kontrattwali, kif ukoll talbiet ghal allegati danni akwiljani.*

*...(omissis)...*

*Anke din il-Qorti tikkonferma li l-azzjoni tista' tkun wahda mista. Il-principju selecta una via non datur recursus ad alteram mhuwiex applikabbli ghall-kaz tal-lum, billi dak ighodd meta dak li jkun qed jintalab mill-attur jkunu zewg talbiet opposti jew konfliggenti. Ghalhekk hemm jinghad li ladarba wiehed ikun ghazel triq, ma jistax fl-istess waqt jinvoka li jghaddi minn triq ohra jekk l-ewwel triq ma twasslux fejn jixtieq.*

*Fil-kaz odjern, it-talbiet kif impostati jistghu jsiru fl-istess azzjoni ghax mhux opposti ghal xulxin billi l-iskop ahhari huwa wiehed.*

*Issir riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tad-9 ta` April 1949 fil-kawza "**Vassallo vs Mizzi et**" (Kollez. Vol. XXXIII.II.379) fejn inghad illi "l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entità taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad."*

*Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni.*

***IV. <u>L-ewwel talba u l-bqija tal-eccezzjonijiet</u>***

***1. <u>Responsabilità kontrattwali</u>***

*Il-Qorti sejra tghaddi biex tqis it-talbiet tas-socjeta` attrici mil-lenti ta` responsabbilità kontrattwali.*

*Ghandu jigi senjalat illi fil-kaz ta' azzjoni ghal danni naxxenti minn responsabilità ex contractu l-attur irid jaghmel il-prova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kontrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-attur. F'azzjoni ta' din ix-xorta huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li dik l-inadempjenza jekk kien hemm rrizultat minhabba cirkostanzi li fuqhom ma kellux kontroll (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta' Lulju 2003 fil-kawza "**<u>Av. Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb noe et</u>**").*

*Fis-sentenza digà citata "**<u>Vassallo vs Mizzi et</u>**", il-Qorti qieset illi:-*

> *"In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilità fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilità testendi ruhha b`mod li dwarha ma hemmx grad."*

*Fil-kaz tal-lum, jirrizulta illi kien hemm relazzjoni ex contractu. Il-bank ghandu jaghti servizz tajjeb lill-klijent b'mod li jesponix lill-klijent ghal dannu. F'ghajnejn din il-Qorti, huwa tassew ta' thassib li l-izbank ta' ammont ta' flus kontanti daqstant kbir jigi trattat bl-istess mod daqs li kieku dak l-izbank kien ta' somma zghira ta` flus. Mill-provi jirrizulta li s-somma rikjesta f`kontanti kienet ta' €75,360, allura ammont sostanzjali. Ghalkemm ma hemmx qbil dwar kif saret l-ordni tal-flus, ossija huwiex bit-telefon, kif inghad mir-rapprezentanti tas-socjetà attrici, jew verbalment fil-bank stess, kif stqarr ir-rapprezentant tal-bank konvenut, il-fatt jibqa' li s-somma issemmiet fil-miftuh, u fiz-zona tal-fergha tal-bank miftuha ghall-pubbliku. L-impjegat tal-bank konvenut David Vella sostna li lejliet is-serqa, l-ammont issemma over the public microphone li jkun hemm quddiem il-kaxxier mill-impjegat tas-socjetà attrici, Karl Borg mentri l-impjegat tas-socjetà attrici, Karl Borg sostna li lejliet is-serqa, l-ammont issemma over the counter mill-istess David Vella. Is-socjetà attrici ntilfet fi provi biex turi li tassew kienu saru telefonati lill-bank konvenut lejliet is-serqa, kif ukoll ressqet lil Karl Borg bhala xhud taghha u insistiet fuq ix-xiehda tieghu tant li kienu prezentati zewg affidavits tieghu u ddepona viva voce.*

*Apparti l-kwistjoni ta' kif issemma l-ammont u ta' kif saret l-ordni ta' l-flus, ghal din il-Qorti jibqa' fatt gravi illi dakinhar tas-serqa, il-flus kontanti gew ikkonsenjati over the counter quddiem il-pubbliku b'mod u manjiera li kienu ben in vista ghal kull persuna li kienet fil-fergha – klijenti u mhux. Lanqas ma jirrizulta li l-klijent nghata l-opportunità li jghodd il-flus. Fic-cirkostanzi ta' kif saret il-konsenja fil-kaz in ezami, l-ghadd kien ikollu jsir taht ghajnejn il-pubbliku.*

*Il-Qorti tiskarta bhala mhux kostitwenti prova l-fehmiet u/jew suspetti espressi mill-ex Supt tal-Pulizija Anthony Portelli dwar il-posizzjoni ta` Karl Borg.*

*Il-Qorti taghti affidament ghal li stqarr Karl Borg fis-sens li l-kaxxier li kien qed jaqdih kien irrimarka dwar l-ammont sostanzjali ta' flus fejn irrefera ghal "briksa".*

*Kien jinkombi fuq il-bank konvenut li joffri sigurtà, serhan il-mohh kif ukoll kawtela fl-esposizzjoni ta' klijent li jkun ghamel ordni ghal ammont daqstant sostanzjali ta' kontanti.*

*Il-Qorti ma taccettax illi l-bank jista' jittenta li jiskolpa ruhu billi jghid illi s-serqa ma saritx fil-fergha tal-bank, jew li kellu jkun il-klijent li jekk ihoss il-htiega, jitlob li jigbor il-flus go kamra fil-privat.*

*Din il-Qorti ma tikkondividix il-posizzjoni tal-bank.*

*L-obbligu tal-bank li jaqdi lill-klijenti tieghu bl-ahjar mod u fis-sigurtà jolqot l-essenza tas-servizz li jaghti. Il-mizuri tas-sigurtà li jipprovdi ghandhom jixhdu sinergija u jkunu komprensivi. Ghandhom ikunu dettati mill-htiega kontinwa u konsistenti ta' prevenzjoni sa minn dak li*

*jigri mill-bankina ta' barra l-fergha kif ukoll dak li jigri gewwa. Ghalkemm evidenti, il-Qorti tishaq illi n-negozju li jsir fil-bank mhuwiex bhal kwalsiasi xoghol iehor. Haga wahda mas-servizz hija s-sigurtà. Ix-xoghol fil-bank jesigi sigurtà massima. Li jfisser non lasciare niente al caso. Li jfisser ukoll li l-kunfidenza fl-ezekuzzjoni tax-xoghol anke ma' klijent abitwali ghandha tithalla barra l-bieb tal-fergha. Il-bank ghandu jhares it-transazzjonijiet li jsiru mill-klijenti bl-iktar mod kunfidenzjali. Fil-kaz in ezami, ma jidhirx li nzammet xi diskrezzjoni. Infatti meta l-ghada Karl Borg mar biex jigbor l-ammont ta' flus u staqsa ghal David Vella, irrizulta li certu impjegat Ivan qabez u nfurmah li l-flus kienu qeghdin ghandu u dan imbaghad ghaddihom lil kaxxier jismu Neil. Il-Qorti tghid illi t-transazzjoni b'ammont daqshekk gholi ta' kontanti kellha tkun ikkurata minn impjegat wiehed sabiex tkun tutelata ahjar id-diskrezzjoni.*

*Anke l-kwistjoni ta' xi cameras li ma kinux qeghdin jahdmu jipponta ghal nuqqas da parti tal-bank li jipprotegi lill-klijenti tieghu. Ghal darb'ohra, jinghad li klijent imur il-bank b'serhan il-mohh li l-interessi qed jigu mharsa. Il-fatt li xi cameras ma kinux qed jiffunzjonaw huwa fatt negattiv. Mhuwiex argument fondat illi jinghad li kien hemm cameras ohra li kienu qed jahdmu, u li s-serqa ma sehhitx gewwa l-edificcju tal-bank. Jibqa' bhala fatt li kien hemm cameras li mhumiex jahdmu u dan in-nuqqas huwa ndikattiv ta' karenza mhux biss ta' sigurtà izda tal-htiega tas-sigurtà. Indikattiva wkoll ghall-fini tal-assjem hija l-prova li ngabet a fol 56 (u mhux kontestata mill-bank) illi ftit jien wara is-serqa de qua, il-bank ghamel investiment ta' high tech security sabiex jipprovdi ambjent sikur ghal klijentela tieghu. Il-kliem preciz kien: "The bank is very conscious that due to the nature of our business, it is a critical need to have a safe and secure environment."*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-premess iwassalha biex tikkonkludi li kien hemm inadempjenzi da parti tal-bank.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-bank ighid li ma kien indikat l-ebda artikolu ta' ligi li gie vjolat u li ghalhekk ma jistax jigi misjub responsabbli ghal xi att illecitu.*

*Din il-Qorti tishaq li bejn bank u klijent, hemm relazzjoni kontrattwali fejn il-bank ghandu l-obbligu kontrattwali li jaghti servizz tajjeb, efficjenti u fuq kollox sikur lill-klijent. In-nuqqas riskontrat fil-kaz tal-lum kien gravi ghaliex ikkonduca transazzjoni bankarja li d-diligenza u l-buon sens kienu jesigu li tkun kondotta diversament u b'aktar kawtela ghall-klijent li talab servizz lill-bank tieghu.*

*Ghal din il-Qorti, hemm prova tar-responsabbilità tal-bank fil-konfront tal-klijent taghha derivanti mir-relazzjoni ta' bejniethom. Il-hsara li garrab il-klijent kienet relatata u derivanti ghaliex il-bank kien inadempjenti fit-twettieq tal-obbligi tieghu. Ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni.*

***Dan premess, il-Qorti tghid ukoll illi l-bank ma kienx wahdu responsabbli ghal inadempjenzi kontrattwali ghaliex anke s-socjetà attrici kellha obbligi x'tittutela naxxenti minn dik ir-relazzjoni.***

***2. Kontributorjetà da parti tas-socjetà attrici***

*Irrizulta li fil-kaz in ezami s-socjetà attrici trattat il-gbir tal-flus kontanti mill-bank b'leggerenza u nuqqas ta' previdenza, daqs li kieku kienet qeghda tizbanka ammonti izghar ta' kontanti kif ta' spiss kienet taghmel.*

*Irrizulta mill-provi li gabet is-socjetà attrici stess illi dik in kwistjoni kienet l-ewwel darba li l-impjegat taghha ntbaghat jigbor ammont daqstant konsiderevoli ta' flus. La kien hekk is-socjetà attrici messha kienet kawta u prudenti fil-prekawzjonijiet li kellha tiehu. Eppure ma ghamlet aktar milli solitament kienet taghmel.*

*Irrizulta li l-impjegat ma gie moghti l-ebda struzzjonijiet partikolari dwar kif kellu jgorr dawn il-flus.*

*Irrizulta li ma nghata l-ebda tahrig partikolari dwar il-garr ta' flejjes hekk sostanzjali.*

*Irrizulta inoltre li lanqas ma kien hemm CCTV cameras fl-ufficini tas-socjetà attrici (ara fol 154 et seq).*

*Mhux accettabbli li ntbaghat impjegat wiehed biss biex jigbor il-flus minghajr assistenza ta' haddiehor. L-impjegat kien espost gravement ghal agressjoni li potenzjalment seta' kellha konsegwenzi aktar aghar. In-nuqqas jibbrilla aktar meta jitqies li s-socjetà attrici kienet konsapevoli li kien aktar indikat li jkun hemm ta' l-inqas zewg persuni li jmorru ghall-flus. Infatti fil- bidu l-pjan kien li l-impjegat tas-socjetà attrici Karl Borg imur ghal kaptan tal-yacht li ghalih kien qed jingabru dawn il-flus, u dan jakkumpanja lil Karl Borg il-bank.*

*Madanakollu, mix-xhieda prodotta, jidher li l-kaptan ma setax jakkumpanja lil Borg fil-hin li ndikat in vista ta' impenji ohra u ghalhekk, Mark Darmanin Kissaun ta struzzjonijiet lil Borg biex dan imur wahdu l-bank. Din id-decizjoni kienet azzardata u ghalhekk zbaljata. Minn htiega li jkun hemm prezenti ma' l-impjegat tas-socjeta` attrici l-kaptan ukoll li del resto kien fl-ahhar mill-ahhar il-beneficjarju ta' l-flejjes spicca li l-impjegat mar wahdu. L-ghaqal kien jiddetta xort'ohra.*

*Tajjeb jinghad li n-nuqqasijiet tas-socjetà attrici kienu ndikati mir-rapprezentanti tal-assikurazzjoni ta' l-attrici li ghamlitha cara li l-attrici kienet ikkompensata ammont ta` Lm3,000 biss mhux l-ammont li rreklamat u dan peress li skont kundizzjoni tal-polza ta' assigurazzjoni, kien hemm espressament imnizzel li fil-kaz li l-money in transit jkun jeccedi t-Lm3,000, il-persuni li jgorru il-flejjes kellhom ikunu tnejn ta' l-*

*anqas (ara fol 262). Billi ma kenitx sodisfatta kondizzjoni tal-polza, ittiehdet decizjoni mill-assikurazzjoni li jinghata biss kumpens daqs li kieku s-somma kienet Lm3,000 stante li l-attrici kienet koperta biss sa dik is-somma ladarba baghtet impjegat wiehed biss jigbor tali flejjes mill-bank. In parentesi jinghad ukoll li l-polza kien tkopri biss limitu ta` Lm5,000 ghal cash in transit (ara fol 261).*

*Is-socjetà attrici tikkontesta li kellha xi responsabbilità ghal dak li sehh u sostniet li anke li kieku baghtet tlett impjegati ghal dawn il-flus, hadd mill-impjegati taghha ma kien addestrat sabiex jirrespingi aggressjoni u dana bil-konsegwenza, li kieku s-serqa kienet xorta ssehh. Din il-Qorti ma tarax li ghandha toqghod tiddibatti dan il-punt, izda fil-fehma taghha li kieku kien hemm aktar minn impjegat wiehed, ic-cirkostanzi setghu kienu differenti stante li kien ikun hemm anqas cans li ssir l-aggressjoni jew li l-aggressjoni tirnexxi kif fil-fatt irnexxiet f` dan il-kaz.*

*Is-socjetà attrici qalet ukoll illi fil-polza kien hemm kundizzjoni li f`distanza ta' aktar minn kilometru tintuza vettura ghal garr tal-flus, mentri f`dan il-kaz, is-socjetà kienet tant prudenti li anke f'distanza ta' bejn 400 sa 500 metru, intuzat karozza. Dan il-fatt xorta ma jservix biex jezimi lis-socjetà attrici minn responsabilità ghal dak li sehh. Din il-Qorti hija propensa li l-impjegat utilizza l-vettura tieghu mhux biex ikun aktar kawt u prudenti izda peress li kien ovvjament aktar konvenjenti u komdu ghalih li jmur bil-karozza, iktar u iktar meta ma kienx ser jitlef il-parkegg tieghu malli jirritorna lura lejn l-ufficju peress li l-ufficju tas-socjeta` attriċi tipprovdi parkegg lill-impjegati taghha !*

*Din il-Qorti tghid ukoll li s-socjetà attrici gharrfet l-izball taghha tant li in segwitu ghal dan l-incident, biddlet il-metodu ta' kif jingarru l-flus mill-bank.*

*Infatti, irrizulta li llum il-gurnata giet inkarigata kumpannija privata tas-sigurtà biex iggorr ammonti sostanzjali ta' flus mill-bank ghas-socjetà attrici u vice versa. Inoltre, Karl Borg ma ghadux jintbaghat il-bank bi flus kontanti izda biss b'cheques, u mistoqsi jekk jafx x'kien qed jigri mill-flus kontanti, huwa spjega li ma kellux dik l-informazzjoni. Dan kollu huwa ndikattiv tal-fatt li s-socjetà attrici ndunat bin-nuqqasijiet taghha u pprovat titghallem mill-izbalji taghha.*

*Fir-rapport tal-pulzija a fol 160 jinghad :-*

> *"From this investigaton it was determined that the S & D Company lack serious security arrangaments where cash is involved, also there is lack of security within the company office personnel when discussing cash in transit arrangements."*

### *3. Ripartizzjoni tar-responsabilità*

***Il-Qorti hija tal-fehma li l-partijiet ghandhom iġorru responsabilità ndaqs ghall-karenzi taghhom risultanti mir-relazzjoni kontrattwali taghhom.***

*4. __Responsabilità akwiljana__*

*Il-Qorti sejra tghaddi biex tqis it-talbiet tas-socjetà attrici mil-lenti ta' responsabbilità akwiljana.*

*Il-Qorti taghmel riferenza ghall-Art 1031 u ghall-Art 1032(1) tal-Kap 16 li huma d-disposizzjonijiet li jirregolaw il-culpa aquiliana fil-ordinament taghna.*

*Il-prova rikjesta ghal din ix-xorta ta' responsabilità hija diversa ferm minn dik trattata aktar kmieni ghaliex "fil-kaz ta` azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilità extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f`tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert." (ara: "Av. Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb noe et" : op. cit.)*

*L-istess inghad minn din il-Qorti hekk kif diversament presjeduta fis-sentenza taghha tat-12 ta` Jannar 2012 fil-kawza "**Group 4 Securitas (Malta) Limited et vs Michael Angelo Pace et**" :-*

*...(omissis)...*

*Huwa wkoll accettat li sabiex persuna tista' tinsab responsabbli ghall-hsara li haddiehor ikun garrab bl-ghemil taghha mhux (bizzejjed) li l-ghemil wahdu ta' dik il-persuna ikun il-kawza unika tad-dannu, ghaliex bizzejjed jintwera s-sehem ta' dik il-persuna bin-negligenza jew bir-rieda taghha biex jintrabat maghha l-piz tar-responsabbiltà ghal dak li jkun gara. Izda biex is-sehem ta' dik il-persuna jnissel il-htija u r-responsabbiltà li tigi maghha, jehtieg jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-ligi) li dik il-htija nisslet id-dannu attwalment imgarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ippruvat b'mod cert (ara s-sentenza ta' din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta moghtija fit-30 ta` Mejju 2002 fil-kawza "__**David Gatt vs Peter Calleja").**__*

*Ghalhekk huwa necessarju li ssir il-prova tan-ness ta' kawzalità bejn il-fatt kolpuz u l-event dannuz, prova li tispetta lis-socjetà attrici sal-grad rikjest mil-ligi.*

*Huwa dwar dan l-oneru li kkampa fid-difiza tieghu l-bank konvenut. Infatti fit-tieni u t-tielet eccezzjonijiet irrileva li mhux responsabbli ghall-akkadut u ma kien hemm l-ebda ness ta' kawzalità bejn l-agir tal-bank konvenut u l-akkadut lamentat mis-socjetà attrici.*

*Fil-mertu, din il-Qorti ma tarax li gie ppruvat a sodisfazzjon taghha li kien hemm tali ness ta' kawzalità bejn l-agir tal-bank konvenut u s-serqa li sehhet fuq l-impjegat tas-socjetà attrici.*

*Dana ghal diversi ragunijiet.*

*Irrizulta fl-ewwel lok, li l-mutur kien misruq precedentement ghal din is-serqa. Is-serqa sehhet quddiem l-ufficini tas-socjetà attrici u mhux gol-bini tal-bank. Mill-provi akkwiziti irrizulta li s-serqa kienet ippjanata b'dettal minn terzi li baqghu mhux maghrufa.*

*Fil-fehma taghha, dan kollu jimpingi fuq in-nuqqas ta' prova.*

*Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju (ara s-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta' Frar 2004 fil-kawza "**Nancy Caruana vs Odette Camilleri")***

***Ghalhekk it-talbiet attrici safejn relatati ma' culpa aquiliana qeghdin jigu respinti.***

***V. It-tieni talba***

*It-telf li kellha ggorr is-socjetà attrici kienu flus kontanti in kwantu ghal €75,360 fil-munita Ewro u in kwantu ghal Lm500 fi flus Maltin : total ta` €76,524 (ghad-dritt). Il-prova tal-quantum hija korraborata mhux biss mid-deposizzjoni tax-xhieda taz-zewg nahat izda wkoll mill-claim li saret lill-assikurazzjoni u mir-rapport tal-pulizija (fol 154 et seq). Kienu flus li ghaddew ghandha tramite l-bank u kienu destinati biex jithallas l-ekwipagg tal-yacht Noa VII. Billi rrizulta li s-socjetà attrici rkuprat l-ammont ta` €6988 (ghad-dritt) ekwivalenti ghal Lm3,000 minghand l-assikurazzjoni taghha, it-telf effettiv kien ta`* ***€69,536.***

***VI. It-tielet talba***

*Il-bank konvenut ghandu jhallas lis-socjetà attrici danni fl-ammont ta`* ***€34,768.***";

3. Il-Bank konvenut (minn issa 'l hemm imsejjaħ "HSBC" jew "il-Bank") ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u b'rikors li ressaq fis-16 ta' Diċembru, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi: *"filwaqt illi tikkonfermaha safejn ċaħdet it-talbiet attriċi safejn dawn jolqtu l-allegata responsabbiltà akwiljana tal-bank konvenut, mill-bqija tħassar u tirrevoka l-istess*

*sentenza u tiddeċiedi minflok billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-Bank konvenut u tiċħad it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi"*;

4. Il-kumpanija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "S&D") laqgħet għall-appell billi, għar-raġunijiet imfissra fir-risposta mressqa minnha fit-3 ta' Jannar, 2017, qalet li l-appell ta' HSBC kellu jiġi miċħud u dan bl-ispejjeż. Flimkien mar-risposta għall-appell, S&D ressqet ukoll appell inċidentali li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dan billi: "*1. tikkonfermaha li sabet vjolazzjoni kontrattwali tal-Bank 2. tirrevokaha in kwantu sabet għar-responsabiltà kontrattwali tal-Bank ta' ħamsin fil-mija (50%) tan-nofs ċioè, u 3. minflok tiddeċiedi illi l-Bank kellu responsabiltà kontrattwali sħiħa, ċioè mija fil-mija (100%), u 4. konsegwentement tikkundanna lill-Bank iħallas l-ammont kollu likwidat, fl-ammont ta' disgħa u sittin elf ħames mija sitta u tletin Euro (€69,536), 5. tirrevokaha in toto fejn sabet illi ma teżistix responsabiltà akwiljana, 6. u għalhekk ssib li l-Bank kellu wkoll responsabiltà akwiljana u tikkundannah ukoll (mingħajr naturalment kundanna doppja ta' kumpens risarċitorju) fl-ammont hekk likwidat mill-ewwel Qorti, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Bank konvenut u bl-imgħax kif mitlub fir-rikors ġuramentat*";

5. HSBC laqa' għall-appell inċidentali ta' S&D, billi permezz ta' tweġiba mressqa fl-20 ta' Jannar, 2017, fisser għalfejn din il-Qorti kien imissha twarrab l-appell inċidentali ta' S&D;

6. Rat li l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li ser joqogħdu fuq l-atti miktuba u li ma kellhomx sottomissjonijiet oħra xi jressqu b'żieda ma' dawk li diġà tressqu bil-miktub;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

9. B'din l-azzjoni S&D qiegħda żżomm lil HSBC responsabbli għat-telf li ġarrbet f'serqa *f'hold-up* li saret fuq wieħed mill-impjegati tagħha fil-21 ta' Ġunju, 2005, ftit tal-ħin biss wara li kien għadu kemm ġibed l-ammonti ta' ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000) u ħames mitt liri Maltin (LM 500) fi flus kontanti mill-fergħa tal-istess Bank fil-Gżira. Skont S&D, is-serqa seħħet għaliex il-Bank naqas milli jwettaq dmirijietu b'attenzjoni u diliġenza li tixraq fi tranżazzjonijet sensittivi li jinvolvu l-ġarr ta' ammonti kbar ta' flus kontanti, u espona lill-impjegat tagħha b'mod pubbliku b'tali mod li ġabu suxxettibbli għal serqa. Għal S&D, HSBC għandu jagħmel

tajjeb għall-flus li nsterqu, u dan kemm mil-lat ta' inadempjenza kuntrattwali kif ukoll mil-lat tar-responsabbiltà akwiljana;

10. Mir-rikors tal-appell ewlieni, jidher li HSBC qed iħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, kemm għaliex dik il-Qorti warrbet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu dwar in-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni ta' S&D, kif ukoll għall-fatt li l-istess Qorti sabitu responsabbli fil-grad ta' ħamsin fil-mija (50%) għad-danni li ġarrbet S&D u dan taħt ir-ras ta' responsabbiltà kuntrattwali. HSBC qiegħed għalhekk iressaq **erba' aggravji** mis-sentenza appellata, li fi kliemu stess huma dawn:

(i) Li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni proċedurali msejsa fuq il-"konfużjoni" fil-kawża bejn it-talba għal danni kuntrattwali u dawk akwiljani;

(ii) Li f'kull każ, ma kien hemm xejn fl-aġir tal-uffiċjali u l-impjegati tiegħu li jwassal għall-ksur tad-dmirijiet kuntrattwali tiegħu lejn S&D;

(iii) Li l-Ewwel Qorti għamlet analiżi żbaljata tar-rekwiżit tan-ness bejn l-aġir dannuż u d-danni mġarrba minn S&D, fis-sens illi dan in-ness kellu jiġi pruvat ukoll fil-kuntest tal-allegati danni kuntrattwali. Skont HSBC, ġaladarba l-Qorti ddikjarat b'mod ċar illi ma ġiex pruvat

in-ness neċessarju fil-kuntest ta' danni akwiljani, l-istess raġunament kellu japplika wkoll fil-kuntest tad-danni kuntrattwali; u

(iv) Li f'kull każ, anke jekk din il-Qorti tħoss li l-Bank għandu jerfa' xi parti mir-responsabbiltà għal dak li seħħ, dan għandu jkun ċertament f'sehem proporzjonat għan-nuqqasijiet relattivi u għalhekk ferm anqas minn ħamsin fil-mija (50%), u dan fid-dawl tad-diversi nuqqasijiet kontributorji u determinanti fl-aġir tal-istess attriċi S&D u tal-impjegati tagħha;

11. Fuq ix-xaqliba l-oħra, fl-appell inċidentali, S&D qed tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-Bank waħdu responsabbli għad-danni kuntrattwali u dan fil-grad ta' mija fil-mija. S&D qed tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-Bank responsabbli wkoll mil-lat ta' ħtija akwiljana;

12. Stabbilit x'inhuma l-ilmenti prinċipali tal-partijiet mis-sentenza appellata, il-Qorti tqis li huwa xieraq billi tibda u tistħarreġ l-**<u>ewwel aggravju</u>** li fih HSBC għadu qiegħed jinsisti dwar in-nuqqas ta' siwi tar-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża. HSBC jispjega li dan l-aggravju qed jissejjes fuq l-ewwel eċċezzjoni li ressaq fit-tweġiba maħlufa tiegħu għal din il-kawża u li fiha qajjem l-argument li r-rikors promotur huwa 'irritu u null' għaliex: "*jikkontjeni konfużjoni ta' kawżi u dan peress illi filwaqt li f'paragrafu numru 7 tar-rikors promotur jingħad li d-danni reklamati huma*

*danni kontrattwali ta' bejn bank u klijent, fil-paragrafu numru 8 tal-istess rikors promotur jingħad illi d-danni reklamati huma danni delittwali. Din l-eċċezzjoni preliminari qed tingħata a bażi tal-prinċipju legali assodat fil-ġursiprudenza nostrana illi "selecta una via non datur recursus ad alteram".* Skont HSBC, l-Ewwel Qorti kellha tilqa' din l-eċċezzjoni għaliex l-istess fatti bejn l-istess partijiet, ma jistgħux fl-istess waqt iwasslu kemm għall-ksur kuntrattwali kif ukoll għal għemil delittwali. Jargumenta li S&D stess mhijiex ċerta jekk hijiex qed tmexxi kontrih fuq ix-xilja ta' ksur kuntrattwali jew inkella hux qed titlob danni delittwali. Fuq is-saħħa ta' dan, jissottometti li kawża hija 'nulla' għaliex il-premessi li tniżżlu fir-rikors maħluf mhux talli mhumiex ċari iżda saħansitra kontradittorji għal xulxin;

13. Il-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-aggravju huwa mistħoqq. Ibda biex, li b'kuntrast għal dak li qed jgħid HSBC, huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-istess fatt kolpuż jista' jagħti l-ħajja kemm għall-azzjoni kuntrattwali kif ukoll għal dik imsejsa fuq il-ħtija akwiljana[1]. Ġie wkoll imtenni kemm-il darba li m'hemm xejn inkompatibbli bejn ir-responsabbiltà kontrattwali u l-ħtija akwiljana[2], u dan għaliex bħalma qalet sewwa l-Ewwel Qorti, *"il-ħtija meta tiġi meqjusa fl-entità tagħha hija*

---

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta': ***Gaetano Spiteri pro. et. noe. v. Thomas sive Tom Castle***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-**18 ta' Awwissu, 1965** (Kollez. Vol. **XLIX.II.1027**), u ***Improved Design Limited v. Dr. Michael Gialanzè*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-**19 ta' Mejju, 2005,** (Ċit. Nru. 291/1998/1JRM) (mhux appellata).

[2] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Arthur George Lambert et. v. Anthony Buttigieg pro. et. noe. et.*** deċiża fit-**18 ta' April, 1963** (Kollez. Vol. **XLVII.III.1110**).

*waħda"*[3]. Jinsab ukoll maqbul li "*fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa ħafna jrid jitħalla għall-interpretazzjoni ġiudizzjarja jew iktar bi preċiżjoni, għad-diskrezzjoni tal-ġudikant fl-apprezzament tal-fattispecji dedotti*"[4];

14. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, il-Qorti tħoss li ma kien hemm xejn x'seta' jżomm lill-Ewwel Qorti milli tistħarreġ 'il-ħtija' tal-Bank konvenut, u dan kemm minn aspett kuntrattwali kif ukoll minn dak delittwali. Bl-istess mod u għall-istess raġunijiet il-Qorti ma ssib xejn kontradittorju fil-premessi u fit-talbiet finali li tniżżlu minn S&D fir-rikors maħluf tagħha, u bħall-Ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti jidhrilha li l-prinċipju ta' *'selecta una via non datur recursus ad alteram'* mhuwiex applikabbli fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ;

15. B'żieda ma' dan, il-Qorti lanqas ma tista' taqbel ma' HSBC li l-premessi li tniżżlu fir-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża mhumiex ċari. Minn ħarsa lejn ir-risposta maħlufa tal-Bank konvenut jidher li l-Bank fehem sewwa n-natura tax-xilja kontrih, tant li laqa' għall-azzjoni billi ressaq għadd ta' eċċezzjonijiet fil-mertu li jolqtu l-qalba ta' din it-tilwima. Kif intqal ħafna drabi, biex rikors maħluf jitwaqqa', "*jrid ikun hemm raġuni gravi, b'mod li l-konvenut jkun jista' jiġi preġudikat fid-difiża tiegħu*"[5].

---

[3] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Mary Vasallo v. Giovann Mizzi et.,*** deċiża fid-**9 ta' April, 1949** (Kollez. Vol. **XXXIII.II.379**).
[4] Estratt meħud mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ta' ***Av. Louis Cassar Pullicino nomine v. Angelo Xuereb nomine et.*** deċiża fl-**20 ta' Frar, 2009**. (App. Ċiv. Nru. 1264/1991/2).
[5] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Salvina magħrufa bħala Sylvia Buġeja v. Albert Debono et.*** deċiża minn din il-Qorti fis-**27 ta' Settembru, 2019**. (App. Ċiv. Nru. 1185/2010/1).

F'dan il-każ, l-ebda tiġbid ta' immaġinazzjoni ma jista' jwassal għall-konklużjoni li l-Bank seta' b'xi mod jew ieħor jisfa preġudikat fid-difiża tiegħu, u dan minħabba l-mod ta' kif ġie mfassal ir-rikors maħluf. Huwa għalhekk kollu ta' xejn li HSBC seħaq fuq l-ewwel eċċezzjoni tiegħu u għaldaqstant l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud;

16. Ġaladarba li l-ewwel aggravju ta' HSBC mhuwiex mistħoqq, il-Qorti ser tkun issa qed tidħol fil-qalba tal-kwistjoni u dan billi l-ewwel tqis **l-aggravji kollha tal-partijiet** li huma marbuta mal-kwistjoni dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali;

17. L-aggravji li huma marbuta mal-kwistjoni dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Bank huma erbgħa: l-aħħar tlieta ta' HSBC u l-ewwel wieħed ta' S&D. Minħabba r-rabta li hemm bejniethom, il-Qorti ser tkun qed tistħarriġhom f'daqqa;

18. Fit-**<u>tieni</u> u <u>t-tielet aggravji</u>** tal-appell prinċipali, HSBC qed jargumenta li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt issibu responsabbli għad-danni minħabba ħtija kuntrattwali. Jibda billi fit-tieni aggravju jargumenta li ma kien hemm l-ebda aġir li twettaq min-naħa ta' xi uffiċjali tiegħu li jista' jissarraf fi ksur tad-dmirijiet kuntrattwali. Jissottometti li la S&D u lanqas l-Ewwel Qorti ma għamlu xi referenza għal xi artikolu speċifiku tal-liġi jew inkella xi obbligu kuntrattwali dwar kif għandu jkun l-aġir tal-Bank u tal-

uffiċjali tiegħu f'ċirkostanzi bħal dawn. Jgħid li m'hemm l-ebda obbligu li kull klijent jiġi moqdi f'xi kamra bil-magħluq, u jissottometti li S&D jew il-ħaddiem tagħha lanqas biss ma talbu li l-konsenja tal-flus issir b'dak il-mod. Jirreferi wkoll għall-fatt li meta ġiet diskussa l-ordni tal-flus bejn id-diretturi u Karl Borg, kien hemm mal-għaxar impjegati fl-uffiċċju ta' S&D, u fuq is-saħħa ta' hekk jgħid li huwa bil-wisq kontradittorju li S&D qed tixli lill-Bank li kiser l-obbligu tal-kunfidenzjalità meta, fl-uffiċċju tagħha stess, kien qed jingħad fil-miftuħ u quddiem ħafna mpjegati li kien ser ikun hemm ġbid ta' somma kbira ta' flus kontanti. Jgħid ukoll li, fl-aħħar mill-aħħar, kien l-impjegat ta' S&D stess li meta mar fil-fergħa tal-Bank 'għażel li jħabbar quddiem kulħadd li kien ser jgħaddi għall-flus l-għada fl-istess ħin', u li l-Bank ma kellu l-ebda kontroll fuq dan id-diskors;

19. Fit-tielet aggravju l-HSBC ikompli jibni fuq l-argumenti li ġew imressqa minnu fit-tieni aggravju u jilmenta li hekk kif kienet qed tqis il-ħtija kontrattwali, l-Ewwel Qorti naqset għalkollox milli twettaq analiżi tal-element tar-rabta kawżali bejn l-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligi kuntrattwali u l-ħsara mġarrba minn S&D. Jargumenta li hekk kif l-Ewwel Qorti ma sabitux responsabbli għad-danni akwiljani minħabba dan in-nuqqas ta' ness bejn l-aġir allegatament dannuż u l-ħsarat imġarrba minn S&D, daqstant ieħor l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibu responsabbli għad-danni kuntrattwali. F'dan ir-rigward, jissottometti li jekk ir-responsabbiltà għad-danni kuntrattwali ma tkunx tiddependi minn dan in-ness, allura l-

Qorti tkun qed tħaddem kunċetti ta' *'strict liability',* li huma aljeni għas-sistema tagħna, u dan bil-konsegwenza li *"min hu ħati ta' ksur ta' obbligu kuntrattwali jiġi ipso facto responsabbli għal kull dannu soffert mill-parti l-oħra mingħajr il-ħtieġa li jintwera xi ness".* HSBC imbagħad jgħaddi biex jagħti għadd ta' raġunijiet għalfejn S&D naqset milli tipprova n-ness bejn in-nuqqasijiet li qed tallega li seħħew u t-telf li ġarrbet minħabba s-serqa. Fuq is-saħħa ta' hekk jargumenta li anke jekk, għas-saħħa tal-argument, wieħed kellu jaċċetta li kien hemm ksur kuntrattwali min-naħa tal-Bank, ma ntweriex li dan il-ksur wassal għad-danni mġarrba minn S&D, u konsegwentement il-Bank ma kellux u m'għandux jinstab responsabbli għall-istess;

20. Għalkemm relatat, **ir-raba' aggravju** huwa mbagħad fuq xejra oħra, fis-sens li, HSBC jgħaddi biex jargumenta li anke jekk kellu jinstab responsabbli għal xi danni, ir-responsabbiltà tiegħu kellha tkun fi grad anqas minn dik misjuba mill-Ewwel Qorti. Filwaqt li jsemmi diversi nuqqasijiet serji min-naħa ta' S&D u jargumenta li S&D kellha f'kull każ titgħabba b'aktar responsabbiltà għal dak li ġara, jissottometti wkoll li għandha titqies sewwa l-kontributorjetà tat-terzi li, fl-aħħar mill-aħħar, wettqu s-serqa;

21. Fuq ix-xaqliba l-oħra, fl**-appell inċidentali** tagħha S&D targumenta li, bil-mod ta' kif il-Bank mexa f'dan il-każ, u ċjoè meta wieħed iqis il-fatturi

li: (i) lejliet is-serqa, uffiċjal tal-Bank tkellem fil-miftuħ dwar il-konsenja ta' €75,000 fi flus kontanti għall-għada; (ii) il-konsenja tal-pakkett bil-flus kontanti fil-beraħ minflok ma saret b'diskrezzjoni f'kamra fil-privat; (iii) id-diskors dwar 'il-briksa'; u (iv) l-fatt mhux kontradett illi kien hemm waħda mill-kameras tas-sigurtà li ma kinitx qed taħdem ilkoll kellhom, fid-dinamika tal-inċident, iwasslu lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi li l-Bank waħdu kellu jinstab responsabbli għad-danni kuntrattwali mġarrbin minnha u li b'hekk kellu jagħmel tajjeb għat-telf kollu li ġarrbet minħabba s-serqa;

22. Wara li l-Qorti xtrarret l-argumenti tal-partijiet u dan fid-dawl tal-provi kollha li hemm fl-atti, jidhrilha li HSBC għandu raġun meta qed jargumenta li l-Ewwel Qorti kellha tieħu qies tal-kriterju tar-rabta ta' kawżalità bejn in-nuqqasijiet lamentati minn S&D u l-ħsara eventwalment imġarrba mill-istess S&D, u dan anke meta ġiet biex qieset ir-responsabbiltà tal-Bank għad-danni kontrattwali;

23. Għalkemm huwa minnu li fl-Artikolu 1125 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta nsibu li meta parti f'kuntratt tonqos milli twettaq dak li tkun intrabtet bih, dik il-parti hija *"obbligat[a] għad-danni"*, dan l-artikolu ma għandux jinqara waħdu, iżda għandu jinftiehem fil-qafas tal-bqija tal-artikoli li nsibu fl-istess subtitolu li jġib l-isem ta' "*Fuq l-Effetti tal-Obligazzjonijiet*"[6]. Ta'

[6] Subtitolu IV ta' Titolu IV, tat-Tieni Parti, tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, il-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

relevanza għall-kuntest ta' din it-tilwima u partikularment tat-tielet aggravju ta' HSBC huma l-Artikoli 1135, 1136 u 1137 tal-Kodiċi, li minn ħarsa lejhom jirriżulta b'mod partikolari li: filwaqt li f'dawk il-każijiet fejn in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni ma jkunx ġej minn għemil doluż tad-debitur, id-debitur huwa obbligat li jagħmel tajjeb biss għal dawk id-danni li basar jew li seta' jobsor li jiġġarrbu mill-kreditur fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[7]; f'kull każ anke jekk in-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni jkun ġej minn għemil doluż tad-debitur, l-obbligu tad-debitur li jagħmel tajjeb għat-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[8], jiskatta **biss** fejn it-tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu "*l-effett immedjat u dirett*" tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[9];

24. Huwa tabilħaqq magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li d-danni minħabba l-inadempjenza kontrattwali għandhom dejjem ikunu ristretti u sewwasew relatati ma' dik l-inadempjenza, u dan b'tali mod li jkunu konsegwenzjali għaliha[10]. Ingħad fil-fatt minn din il-Qorti, li f'xiljiet ta' din ix-xorta, għandu "*jiġi provat in-ness ta' kawża u effett bejn id-danni*

---

[7] Art. 1136 tal-Kap 16.
[8] Art. 1135 tal-Kap 16.
[9] Art. 1137 tal-Kap 16.
[10] Ara f'dan is-sens is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ***Cutajar Construction Ltd v. Pierre P. Gregoire,*** deċiża minn din il-Qorti fid-**29 ta' Marzu, 2019** (App. Ċiv. Nru. 2840/1996/1); ***Concorde Developments Limited v. B.Grima and Sons Ltd,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-**14 ta' Ġunju, 2011** u konfermata fl-appell fis-**27 ta' Jannar, 2017**, (Rik. Nru. 572/2011MCH); ***Joseph Dalli et. v. Mediterranean Film Studios Limited,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-**23 ta' April, 2010**, (Ċit. Nru. 3327/1996/1); ***Margaret Camilleri et. v. The Cargo Handling Co. Ltd.***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-**13 ta' Ottubru, 2004**, (Ċit. Nru. 1560/1995/1PS); ***Josef Galea v. Combinati Trasport Services Limited pro. et. noe.,*** deċiża minn din il-Qorti fit-**30 ta' Marzu, 2001**. (App. Ċiv. 2012/1997); u ***Neg. Giuseppe Muscat noe. v. PL Alfredo Benjacar noe.*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-**14 ta' Ottubru, 1942** (Kollez. Vol: **XXXI.iii.226**).

*reklamati u l-aġir ta' min ikun ikkaġuna d-danni*"[11]. Ir-raġuni wara dan kollu hija dik li, fl-aħħar mill-aħħar, l-għan wara d-danni kontrattwali huwa sewwasew li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u dan għaliex id-danni ta' din ix-xorta la għandhom ikunu xi għodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas xi okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti[12];

25. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti jidhrilha li lil hinn mill-kwistjoni dwar jekk l-Ewwel Qorti kellhiex raġun meta qieset li HSBC naqas milli jħares kif imiss l-obbligi kuntrattwali tiegħu *vis-à-vis* S&D, f'kull każ, dik il-Qorti ma setgħet qatt issib lil HSBC responsabbli għad-dannu li ġarrbet S&D minħabba s-serqa, u dan meta fis-sentenza appellata, dik l-istess Qorti dehrilha li ma kien hemm l-ebda "*ness ta' kawżalità bejn l-aġir tal-bank konvenut u s-serqa li seħħet fuq l-impjegat tas-soċjetà attriċi*"[13]. L-argumenti li ġew imressqa minn HSBC fit-tielet aggravju huma għalhekk, fil-prinċipju, siewja u f'posthom;

---

[11] Estratt meħud mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Josef Galea v. Combinati Trasport Services Limited pro. et. noe.,*** deċiża fit-**30 ta' Marzu, 2001**. (App. Ċiv. 2012/1997). Ara wkoll f'dan l-istess sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Joseph Portelli noe. v. Av. Dr. Camelo Testa et. noe.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-**18 ta' Mejju, 1959**, (Kollez. Vol. **XLIII.i.509**).

[12] Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Horizon Terminals Limited et v. Harbour Investments Limited et,*** deċiża fit-**23 ta' Frar, 2022**. (App. Ċiv. Nru. 68/2013/1).

[13] Ara paġ. 29 *et seq* tas-sentenza appellata.

26. Iżda dawn l-osservazzjonijiet mhumiex biżżejjed biex il-Qorti tgħaddi minnufih biex tilqa' t-tielet aggravju tal-appell prinċipali u tirriforma s-sentenza appellata fuq din il-bażi, u dan għaliex fid-dawl tal-appell inċidentali ta' S&D, din l-Qorti trid ta' bilfors tistħarreġ jekk l-Ewwel Qorti kellhiex raġun li tikkonkludi li ma ġie ppruvat l-ebda ness bejn in-nuqqasijiet lamentati minn S&D u s-serqa li ġarrab l-impjegat tagħha;

27. Minn ħarsa lejn is-sentenza appellata jidher li kien hemm tliet raġunijiet ewlenin li ssemmew mill-Ewwel Qorti biex tfisser għalfejn ma kinitx sodisfatta li S&D irnexxielha tipprova r-rabta ta' kawżalità bejn l-għemil tal-Bank konvenut u t-telf imġarrab minnha minħabba s-serqa. Dawn kienu li: (i) l-mutur li ntuża fis-serqa kien insteraq xi żmien qabel dik is-serqa; (ii) is-serqa seħħet quddiem l-uffiċini ta' S&D u mhux fi jew biswit il-fergħa tal-Bank mnejn kienu nġibdu l-flus; u (iii) mill-provi ħareġ li s-serqa kienet ippjanata b'dettal minn terzi li baqgħu mhux magħrufa[14];

28. S&D tikkontesta li ma rnexxilhiex tressaq prova tar-rabta ta' kawżalità. Targumenta li f'sitwazzjonijiet bħal dawn, huwa diffiċli li tiġi applikata 'r-regola taċ-ċertezza assoluta', u tgħid li huwa biżżejjed li jkun hemm katina identifikabbli li turi li dak li ġara jsib il-kawża tiegħu fl-aġir tal-Bank. F'dan is-sens tfakkar li l-piż tal-prova joxxilla kontinwament tul il-kawża u tissottometti li l-provi li tressqu minnha dwar id-diskors li

[14] *Ibid.*

jinstama' li sar fil-miftuħ, kif ukoll bil-mod ta' kif ġew ikkonsenjati l-flus kontanti fil-beraħ, tefgħu piż fuq il-Bank li 'ma ġiex skarikat'. Tirribatti li ma ġiet ippruvata l-ebda premeditazzjoni tant li, skont S&D, huwa possibbli li seta' kien hemm xi nies fil-fergħa tal-Bank b'intenzjonijiet ħżiena, li meta raw il-flus jingħataw b'mod daqshekk fil-miftuħ u semgħu d-diskors bejn l-uffiċjali tal-Bank u l-impjegat tagħha, qatgħuha li jisirqu lill-impjegat ta' S&D dak il-ħin stess. Tispjega wkoll li 'mill-provi jirriżulta' li l-operazzjoni tal-ġarr ta' flus kienu jafu biha 'biss il-partijet u l-Kaptan', u f'dan is-sens targumenta li l-ħallelin ma setgħux ikunu jafu x'ser jiġri, jekk mhux minħabba dak li ġara ġewwa l-fergħa tal-Bank fil-Gżira. Dwar il-mutur li ntuża fis-serqa, S&D tgħid li ma nġabet l-ebda prova mill-Bank li dak il-mutur kien l-istess mutur li nsteraq ftit jiem qabel il-*hold up*, u għalhekk kwalunkwe argument ta' premeditazzjoni huwa biss ipotesi li mhuwiex imsaħħaħ mill-provi, lanqas dawk ċirkostanzjali;

29. Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha li tressqu mill-partijiet, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma tħossx li S&D irnexxielha tipprova, b'mod sodisfaċenti u sal-grad mistenni, li s-serqa fuq l-impjegat tagħha ġrat minħabba n-nuqqasijiet li bihom qed tixli lil HSBC. Għalkemm S&D qed tgħid sewwa li m'għandhiex tiġi applikata 'r-regola taċ-ċertezza assoluta' u li l-oneru tal-prova joxxilla kontinwament matul il-kawża, ma jistax però jintesa li sabiex tneħħi l-piż tal-prova minn fuq spallejha u tmexxih għal fuq il-Bank, S&D kellha qabel xejn tilħaq dak il-grad tal-prova li "*[j]nissel*

*ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet*"[15]. F'qafas bħal dan, xieraq ukoll li jiġi mfakkar li, għalkemm il-grad tal-prova fil-proċediment ċivili mhuwiex tassattiv daqskemm mistenni fil-kamp kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Kemm hu hekk, jingħad li "*Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni suspett jew konġetura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju*"[16];

30. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ S&D mhux biss naqset milli tressaq xi provi konkreti jew imqar xi evidenza ċirkostanzjali li permezz tagħha wriet ir-rabta bejn is-serqa u l-aġir tal-Bank, anzi, għall-kuntrarju, hemm evidenza b'saħħitha biżżejjed fl-atti li xxejjen ir-rabta kawżali bejn l-atti u ommissjonijiet lamentati minn S&D u s-serqa fuq l-impjegat tagħha. Kemm hu hekk, l-eks-Suprintendent Anthony Portelli, li kien l-uffiċjal oriġinarjament responsabbli mill-investigazzjoni tal-każ, qal għal aktar minn darba, li l-atti u omissjonijiet li seħħew fil-fergħa tal-Bank tal-Gżira ma kinux "il-kaġun" tas-serqa[17]. Qal ukoll li, mill-esperjenza vasta tiegħu bħala uffiċjal investigattiv fis-'CID', ma rriżultalux li s-serqa seħħet minn

[15] Estratt meħud mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Salvatore Battiato et. v. Alessandro Mercieca***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-**18 ta' Novembru, 2022**, (Rik. Nru. 1090/2021CFS), (mhux appellata).

[16] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Chef Choice Limited v. Raymond Galea***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-**26 ta' Settembru, 2013**, u konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27 ta' Ottubru, 2017**. Ara wkoll ***Primrose Poultry Products Limited v. Onor Prim Ministru et.,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-**27 ta' Mejju, 2021**, (Ċit. Nru. 1945/2000RGM), (mhux appellata).

[17] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda tal-ex-Supretendent Anthony Portelli, mogħtija waqt is-seduta li nżammet quddiem l-assistent ġudizzjarju fis-16 ta' Jannar, 2015, fol. 201 tal-proċess.

xi ħadd li kien il-Bank u 'ħa ċans' hekk kif ra li l-impjegat ta' S&D kien qed jiġi mgħoddi mill-kaxxier tal-Bank somma kbira ta' flus kontanti[18], u kkonferma li kollox kien qed juri li s-serqa kienet waħda mfassla minn qabel u maħsuba, u mhux spontanja[19]. Biex isostni dan kollu, l-imsemmi xhud fisser ukoll li l-mutur li ntuża fis-serqa kien misruq ftit tal-jiem biss qabel ma seħħ il-"*hold-up*" fuq l-impjegat ta' S&D[20]. Spjega wkoll li, mill-investigazzjonijiet li għamel, irriżulta li l-ħallelin ma bdewx isegwu lill-impjegat ta' S&D minn dak il-waqt li telaq mill-fergħa tal-Bank, tant li r-rotta li għaddew minnha bil-mutur ma kinitx l-istess waħda li għadda minnha l-impjegat ta' S&D[21]. Minn rapport intestat bħala '*CID Crime Investigation Report'*, li tħejja mill-istess uffiċjal investigattiv, jirriżulta wkoll li l-Pulizija kien irnexxielhom iġibu l-filmati mill-kameras tas-CCTV li kien hemm fil-fergħa tal-Bank tal-Gżira, u dan kemm għall-jum li fih seħħet is-serqa fuq l-impjegat ta' S&D, kif ukoll għall-jum ta' qabel. Madankollu, wara li l-investigaturi kienu flew u stħarrġu dawn il-filmati, irriżulta li "***no one inside the bank was identified as potential suspect***"[22]. Kif osservat sewwa l-Ewwel Qorti, f'dak l-istess rapport ġie wkoll konkluż li "*From this investigation it was determined that the S&D Company lack serious security arrangements where cash is involved,* ***also there is lack of security within the company office personnel***

[18] *Ibid* f'paġ. 205 tal-proċess.
[19] *Ibid* f'paġ. 204 tal-proċess.
[20] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda tal-eks-Suprintendent Anthony Portelli, mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' April, 2012 li saret quddiem l-assistent ġudizzjarju, f'paġ. 128 tal-proċess.
[21] *Ibid* f'paġ. 205 tal-proċess.
[22] Ara Dok. JM1, f'paġ. 155 tal-proċess.

***when discussing cash in transit arrangements***"[23]. Minn rapport ieħor li din id-darba tfassal minn Jason Vassallo, li kien jaħdem bħala '*insurance loss adjuster',* u li tqabbad mill-kumpanija tal-assikurazzjoni ta' S&D, jidher li S&D ma saritx taf b'din it-transazzjoni (jiġifieri l-ġbid tas-somma tal-flus mill-Bank) ħabta u sabta lejliet is-serqa, iżda kienet ilha taf biha sa minn nofs Ġunju, 2005,[24] li 'koinċidentalment' jaħbat fl-istess żmien li fih insteraq il-mutur li bih twettqet is-serqa, u li nstab ftit tal-jiem biss wara s-serqa f'Ta' Xbiex stess[25];

31. Meħud qies ta' dan kollu, din il-Qorti jidhrilha li, meta jitpoġġew l-provi kollha li tressqu f'din il-kawża fuq il-miżien ikkalibrat fuq il-bilanċ ta' probabbilitajiet, il-keffa tal-miżien ma xxaqlibx favur it-teżi ta' S&D li tgħid, li s-serqa fuq l-impjegat tagħha kienet 'l-effett immedjat u dirett' ta' dak kollu li seħħ ġewwa l-fergħa tal-Bank fil-jum li fih ġrat is-serqa, u fil-ġurnata ta' qablu. Fin-nuqqas ta' prova tajba biżżejjed ta' din ir-rabta ta' kawżalità, il-Qorti qiegħda għalhekk taqbel ma' HSBC li, fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-każ, il-Bank ma jistax jitqies responsabbli għat-telf li ġarrbet S&D minħabba s-serqa li twettqet fuq l-impjegat tagħha, u b'hekk il-Qorti ser tkun qed tilqa' **t-tielet aggravju** tal-appell ewlieni u tirriforma s-sentenza appellata f'dan is-sens;

---

[23] *Ibid*. fol. 160.

[24] Ara l-'*Preliminary Report Money Claim*', 'Dok JM3', f'paġ. 271 tal-proċess.

[25] Ara x-xhieda tal-ispettur Darrel Borg, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu, 2015, f'paġ. 219 tal-proċess.

32. Naturalment, ġaladarba qed jintlaqa' t-tielet aggravju, ma jifdal l-ebda utilità li jitqies it-**tieni aggravju** tal-appell ewlieni, li fih HSBC qed jargumenta li ma kien hemm xejn fl-aġir tal-uffiċjali u l-impjegati tiegħu li jwassal għall-ksur tad-dmirijiet kuntrattwali *vis-à-vis* S&D. Hekk ukoll ma jifdal l-ebda ħtieġa li l-Qorti tqis ir-**raba' aggravju** tal-appell prinċipali, li huwa biss sussidjarju għall-ewwel tlieta u li loġikament seta' jitqies biss f'każ li l-Qorti twarrab l-ewwel tliet aggravji;

33. Fl-aħħar nett, u sa fejn għandu x'jaqsam ma' dak mitlub fl-**appell inċidentali**, din il-Qorti tqis li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kif saru, u ċjoè li ma ġiex ippruvat in-ness ta' kawżalità bejn is-serqa fuq l-impjegat ta' S&D u l-aġir tal-HSBC, allura din il-Qorti ma tista' qatt tilqa' xi waħda mit-talbiet li tressqu minn S&D fl-istess appell inċidentali tagħha;

**Decide:**

34. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li **tiċħad** l-appell inċidentali ta' S&D Yachts Ltd, **tilqa' parzjalment** l-appell ewlieni ta' HSBC Bank Malta plc, u b'hekk qed **tirriforma s-sentenza** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Novembru, 2016 fil-kawża fl-ismijiet premessi u dan billi tiċħad it-talbiet kollha ta' S&D Yachts Ltd.

Mill-bqija tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza, għajr għall-kap tal-ispejjeż, li għandhom jiġu maqsuma fil-proporzjon ta' tliet kwarti ($^3/_4$) mill-kumpanija S&D Yachts Ltd, filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż għandu jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut HSBC Bank Malta plc.

L-istess tqassim tal-ispejjeż għandu jgħodd għall-ispejjeż marbuta mal-appell ewlieni ta' HSBC Bank Malta plc, filwaqt li l-ispejjeż kollha marbuta mal-appell inċidentali ta' S&D Yachts Ltd, għandhom jitħallsu kollha mill-istess kumpanija appellata.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
rm